MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 298/2004

**HSBC Bank Malta P.L.C.**

**vs**

**John u Pauline konjugi Balzan**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, seba' mija u erbgha u sittin Lira u hamsa u disghin centezmi (LM3,764.95,0) rapprezentanti in kwantu ghal tliet elef, mitejn u tmienja u tmenin Lira u tlettax-il centezmu (LM3,228.13,0) bhala self kapitali fuq Loan Account bin-numru 087-069720-300, u erba' mija u sitta u sebghin Lira u tnejn u tmenin centezmi (LM476.82,0)**

**bhala imghaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) per annum ikkalkolati mit-3 ta' Gunju tas-sena 2002 sal-21 ta' Mejju tas-sena 2004 – hekk kif jidher mill-prospett anness u mmarkat Dok. A;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mill-21 ta' Mejju tas-sena 2004 sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma minn issa stess ngunti ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fis-6 ta' Ottubru tas-sena 2004 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------